Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Dr Alfred Azzopardi

Vs

Arkafort Ltd

CCT 39/25/MM

Illum, 21 ta' April 2026

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrent ippreżentat fil-25 ta' Frar 2025 fejn talab is-somma ta' elf u ħames mija u sebgħa u sittin ewro (€567), rappreżentanti l-valur ta' laptop mixtri mingħand is-soċjeta' intimata.

Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata preżentata fil-25 ta' Marzu 2025 li permezz tagħha qalet li t-talba magħmula mir-rikorrent fil-konfront tas-soċjeta' intimata hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha minn dan it-Tribunal bl-ispejjeż kontra l-attur.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

It-Tribunal eżamina bir-reqqa l-atti kollha tal-kawża, il-provi mressqa mill-partijiet u s-sottomissjonijiet rispettivi tagħhom.

Il-preżenti kawża toriġina minn talba mressqa mir-rikorrent Dr Alfred Azzopardi kontra s-soċjetà intimata Arkafort Ltd, fejn ir-rikorrent jitlob rimedju fir-rigward ta' laptop li xtara mingħand is-soċjeta' intimata u li allegatament kien difettuż u mhux konformi ma' dak li kien miftiehem bejn il-partijiet. Mill-provi jirriżulta li r-rikorrent akkwista l-imsemmi laptop fis-6 ta' Ottubru 2023 għal prezz ta' €567.58, liema prodott kien deskritt bħala wieħed ġdid u kien kopert b'garanzija ta' sentejn.

Illi r-rikorrent jissottometti li wara madwar erbatax-il xahar mill-akkwist, il-laptop waqaf jaħdem u beda juri wkoll difetti fiżiċi evidenti, b'mod partikolari ħsara fil-parti tal-frame tal-iskrin. Huwa kkuntattja lis-soċjetà intimata sabiex tissewwa l-problema taħt il-garanzija. Fil-kors tal-iżvilupp tal-kwistjoni, ir-rikorrent qajjem il-fatt li fuq il-prodott kien hemm indikazzjoni li dan kien "remanufactured", fatt li, skont hu, ma kienx konformi mad-deskrizzjoni tal-prodott bħala wieħed ġdid fil-mument tax-xiri.

IlIl r-rikorrent jsostni b'mod kategoriku li kieku kien konxju tan-natura vera tal-prodott, ma kienx jidħol f'dan il-kuntratt. Huwa jkompli jiddikjara li rrifjuta li jippermetti li l-laptop jintbagħat barra minn Malta għat-tiswija, minħabba li fih kien hemm data personali sensittiva li ma setgħetx titneħħa mingħajr riskju serju. F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa talab sostituzzjoni jew rifużjoni, filwaqt li l-intimata offriet somma limitata bħala ġest ta' goodwill.

Illi min-naħa tagħha, is-soċjetà intimata ssostni li l-prodott mibjugħ kien jifforma parti minn kategorija ta' prodotti refurbished ta' livell għoli, magħrufa bħala "*gold standard*", li huma ċċertifikati u joffru prestazzjoni komparabbli ma' prodotti ġodda. Hija targumenta li l-prodott kien konformi ma' dan l-istandard u li l-konsumatur seta' jkun konxju jew kellu jkun konxju tan-natura tiegħu. Barra minn hekk, l-intimata tinsisti li kienet lesta tonora l-

garanzija billi tipprovdi tiswija adegwata permezz tas-supplier tagħha, iżda li r-rikorrent naqas milli jikkopera f'dan il-proċess.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe' dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

It-Tribunal, wara li evalwa dawn il-pożizzjonijiet opposti, iqis li l-kwistjoni fundamentali li trid tiġi deċiża hija jekk il-prodott mibjugħ kienx konformi ma' dak li kien ġie rappreżentat lir-rikorrent fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħti piż determinanti lill-fatt li d-dokumentazzjoni marbuta max-xiri tindika prodott ġdid, filwaqt li

elementi oħra juru li l-istess prodott kien fil-fatt "*remanufactured*". Din id-diskrepanza tolqot il-qalba tal-kuntratt u tikkonċerna aspett essenzjali tal-oġġett mibjugħ.

Illi għalkemm prodotti "remanufactured" jistgħu jkunu ta' kwalità għolja u funzjonalment adegwati, xorta jibqgħu distinti minn prodotti ġodda. Fil-fatt id-deskrizzjoni li hemm fid-dokument JF-01 preżentat mis-soċjeta' intimata tgħid li l-laptops huma *"often brand new"* b'dan li jista' jkun hemm okkażjonijiet fejn ma jkunux ġodda. Il-prinċipju ta' trasparenza jimponi fuq il-bejjiegħ obbligu ċar li jiddikjara b'mod preċiż u mhux ambigwu n-natura tal-prodott offrut, sabiex il-konsumatur ikun jista' jieħu deċiżjoni infurmata. In-nuqqas ta' tali ċarezza jammonta għal rappreżentazzjoni skorretta jew qarrieqa li tista' tkun determinanti għall-kunsens tal-konsumatur.

Illi madanakollu t-Tribunal ma jemminx il-verżjoni tar-rikorrent li ma kienx jaf fil-mument tax-xiri li tali *laptop* kien *remanufactured.* Illi m'huwiex kontestat li s-soċjeta' intimata ma taqdix klijenti individwali stante li hija ffukata fuq in-negozji. Illi s-soċjeta' intimata tispjega li kien ir-rikorrent stess li mar għandhom u aċċettaw li jaqduh għax ohtu kienet klijenta tagħhom. Illi din l-istqarrija ma ġietx kontestata mir-rikorrent. Illi għalhekk huwa evidenti li kien l-attur li fittex li jakkwista laptop bi prezz aħjar preċiżament għax kien jaf x'kienet il-linja tan-negozju tas-soċjeta' intimata u ċioe' li jbiegħu *laptops* li jkunu ġew *remanfucatured.*

Ikkunsidra

Illi l-piż tal-prova huwa fuq minn jallega. Fil-fehma tat-Tribunal, ir-rikorrenti naqas milli jissostanzja jew jispjega kif u għaliex qiegħad jippretendi li s-soċjeta' intimata hija responsabbli għall-ħsarat li hemm fil-*laptop* bi provi konkreti. Kien jispetta lir-rikorrenti iresssq provi tajbin u suffiċjenti jew fin-nuqqas li dan ma kienx possibli jitlob lit-Tribunal

jaħtar espert tekniku sabiex jeżamina l-*laptop* u jirrelata lit-Tribunal. Minn naħa l-oħra s-soċjeta' intimata spjegazzjoni u ritratti sabiex tispjega kif il-ħsarat kienu aktar kompatibbli ma ħsarat kaġunati minn użu żażin jew negligenza milli ħsarat tal-fabbrika.

Ikkunsidra

Illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-garanzijja, t-Tribunal jirreferi għall-provvedimenti tal-għaxar taqsima tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta. Din it-taqsima hija msejħa "Bejgħ ta' oġġetti lill-Konsumatur". A tenur tal-artikolu 73 ta' dan l-Att:

(1) Il-kummerċjanti għandhom l-obbligu jikkunsinnaw lill-konsumaturi oġġetti li jkunu konformi mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgħ, u skont hekk ikollhom l-obbligu li jiżguraw li l-oġġetti –

(a) jkunu konformi mad-deskrizzjoni mogħtija millkummerċjant u jkollhom il-karatteristiċi, l-fattizzi u lkwalitajiet tal-oġġetti li l-kummerċjant jkun wiegħed jew ikun wera jew xort'oħra ppreżenta lill-konsumatur bħala kampjun jew mudell;

(b) jkunu adattati għall-iskop partikolari li għalih ilkonsumatur ikun jeħtieġhom u li jkun għarraf bihom lillkummerċjant meta kien qed jagħmel il-kuntratt;

(ċ) jkunu adattati għall-iskop li għalih oġġetti tal-istess tip normalment jintużaw; u

(d) juru l-kwalità u l-kapaċità li huma normali f'oġġetti talistess tip u li l-konsumatur jista' raġonevolment jistenna, fil-qies tax-xorta tal-oġġetti u meta jitqiesu ddikjarazzjonijiet pubbliċi dwar il-karatteristiċi speċifiċi tal-oġġetti li jsiru dwarhom sew mill-kummerċjant, mill-produttur jew mir-rappreżentant tiegħu, partikolarment flirreklamar jew fuq it-tikketti....

L-artikolu 74 jaqra hekk:

(1) Il-kummerċjant ikun responsabbli li jipprovdi rimedju skont dan l-artikolu lill-konsumatur għal kull nuqqas ta' konformità fl-oġġetti li kienet teżisti meta l-oġġetti ġew

ikkunsinnati mill-kummerċjant lill-konsumatur. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima, għandu jkun il-konsumatur li jiddeċiedi x'rimedju għandu jitlob.

(2) Fil-każ ta' tali nuqqas ta' konformità, il-konsumatur ikollu jedd jew –

(a) li l-oġġetti jinġiebu konformi bla ebda ħlas billi jissewwew jew jiġu rimpjazzati, skont l-artikolu 75(1), jew

(b) li jirċievi ħlas lura ta' tnaqqis fil-prezz adattat jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt għar-rigward ta' dawk l-oġġetti, skont l-artikolu 76(1) jew (2).

L-artikolu 75 imbagħad jipprovdi li:

(1) Sakemm ma jkunx impossibbli jew sproporzjonat, il-konsumatur jista', fl-ewwel lok, jeħtieġ lill-kummerċjant isewwi l-oġġetti jew inkella jirrimpjazzjahom, f'kull każ bla ebda ħlas.

(2) Rimedju jitqies li jkun sproporzjonat jekk ikun jimponi spejjeż fuq il-kummerċjant li, b'paragun mar-rimedji alternattivi li jeżistu taħt din it-Taqsima, ma jkunux raġonevoli, meta jitqiesu –

(a) il-valur tal-oġġetti li kieku ma kienx hemm nuqqas ta' konformità,

(b) xi jkun ifisser dak in-nuqqas ta' konformità, u

(ċ) jekk ir-rimedju alternattiv ikunx jista' jitlesta għal kollox mingħajr ebda inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur.

(3) Kull tiswija jew rimpjazzament għandhom jitlestew, kemm ikun prattikament malajr, fi żmien raġonevoli u mingħajr ebda inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur, meta titqies ix-xorta tal-oġġetti u l-iskop li għalih ilkonsumatur jkun ħtieġ dawk l-oġġetti.

Finalment, skont l-artikolu 76:

(1) Il-konsumatur jista' jeħtieġ riduzzjoni adattata fil-prezz jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt –

(a) meta l-konsumatur ma jkun jista' jikseb la r-rimedju ta' tiswija lanqas dak ta' rimpjazzar, jew

(b) jekk il-kummerċjant ma jkunx spiċċa r-rimedju ta' tiswija jew ta' rimpjazzar fi żmien raġonevoli, jew

(ċ) jekk il-kummerċjant jkun jista' biss jipprovdi jew jispiċċa r-rimedju ta' tiswija jew rimpjazzar b'inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur.

(2) Il-konsumatur ma jkollux jedd għar-rexxissjoni talkuntratt jekk in-nuqqas ta' konformità miegħu jkun wieħed minuri u insinjifikanti.

Illi kif it-Tribunal ra aktar il-fuq, ir-rikorrenti falla mill-ewwel element neċessarju u ċioe' li jġib prova konvinċenti li s-soċjeta' intimata hija responsabbli għall-ħsarat u għalhekk it-Tribunak jista' jieqaf hemm. Pero' t-Tribunal ra wkoll li s-soċjeta' intimata għamlet l-għalmu tagħha u fuq bażi ta' *goodwill* offriet rimedju xorta minkejja li ma kelliex għalfejn. Illi minn qari tal-provvedimenti tal-liġi, huwa evidenti li s-soċjeta' intimata mhux talli imxiet b'mod professjonali kif mistenni minn kummerċjant iżda minkejja li ma kelliex għalfejn xorta offriet soluzzjoni u rimedju skont il-liġi.

Għalhekk it-Tribunal ser jagħddi biex jiċħad it-talba.

Deċiżjoni

Ghal motivi senjalati dan it-Tribunal qiegħad jiċħad it-talba bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Avv. Dr Martha Mifsud
Arbitru